MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Numru. 325/2012

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Noel Scerri, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Diċembru, 1972, karta ta’ l-identita numru 58874(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fl-4 ta’ Marzu, 2012 għal ħabta tal-4.30 a.m. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fuq ‘mobile phone’ tal-marka Samsung għad-dannu ta’ martu Caroline Scerri minn Ħal-Tarxien, liema valur tal-ħsara me jeċċedix l-€1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza volontarjament ikkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq martu Caroline Scerri,

hekk kif ġew ċertifikati minn Dr. Ian Gauci miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;
3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Caroline Scerri biża li ser tintuza vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;
4. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza volontarjament kiser il-kwiet u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija meta jidrilha xieraq sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuna ta' Caroline Scerri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti skont l-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-uniku xhud kontra l-imputat hi martu Caroline Scerri li min-naħa tagħha ddikjarat li ma tixtieqx tixhed kontra żewġha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------